**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Laqgha Numru 15/K7/2015**

**Introduzzjoni**

Il-Hmistax-il laqgha tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2015 li saret nhar it-Tlieta 22 ta' Dicembru 2015.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30pm.

Prezenti: Is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon, il-Kunsillier Mark Causon, il-Kunsillier Charles Cesare u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet skuzata. **(Ara Dok. 1)**

Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-laqgha kienet qed tigi streamed online.

Is-Sindku Dean Hili qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fis-16 ta' Dicembru 2015. L-Agenda kienet:

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 13/K7/2015.**
2. **Punti li johorgu mill-Minuti 13/K7/2015.**
3. **Approvazzjoni tal-Minuti 14/K7/2015.**
4. **Punti li johorgu mill-Minuti 14/K7/2015.**
5. **Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
6. **Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
7. **Mistoqsijiet.**
8. **Korrispondenza.**
9. **Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
10. **Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
11. **Approvazzjoni ta' l-Estimi finanzjarji 2016.**
12. **Approvazzjoni tal-Pjan ta' Hidma 2016 – 2018.**
13. **Performance Bonus ta' l-impjegati.**
14. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
15. **Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 13/K7/2015.

1.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 13/K7/2015 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 13/K7/2015.

2.01. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-Minuti 13/K7/2015 fejn irrimarka li ma kienx hemm punti pendenti li jehtiegu decizjonijiet ulterjuri.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 14/K7/2015.

3.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 14/K7/2015 kif ipprezentati.

3.02. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

3.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 14/K7/2015.

4.01. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-Minuti 14/K7/2015 fejn irrimarka li ma kienx hemm punti pendenti li jehtiegu decizjonijiet ulterjuri.

## 05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

5.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 025-2015** - Laqgha ma' Projects Malta dwar il-proposta ta' l-ITS **(Ara Dok. 2)**
- **Internal Memo 026-2015** - Laqgha mas-Superjur tal-MUSEUM **(Ara Dok. 3)**
- **Internal Memo 027-2015** - Lista ta' laqghat li saru 13/K7/14 u 15/K7/15 **(Ara Dok. 4)**
- Poster dwar il-gabra ta' hwejjeg uzati bil-kollaborazzjoni ta' GreenPak b'risq Nature Trust **(Ara Dok. 5)**

5.02. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-works orders mahruga bejn laqgha u ohra fejn ippropona r-ratifikazzjoni taghhom, liema works orders inhargu skond l-esigenzi li kellu l-Kunsill.

| Works Order | | Data | Kumpanija | Xoghol |
|---|---|---|---|---|
| 198 | 2015 | 23/11/2015 | Pembroke Self Service | Tlabna xi gallettini u luminata ghal-laqgha tal-Kunsill. |
| 201 | 2015 | 26/11/2015 | J&K Contractors | Tlabna sabiex jigu rrangata numru ta' kurduni mcaqalqa tul Triq il-Mediterran. |
| 202 | 2015 | 11/12/2015 | Maxims | Pastizzi ghal-laqgha tal-lokalita'. |
| 203 | 2015 | 15/12/2015 | General Ecological Services | Ftuh tad-dranagg |

5.03. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

5.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

6.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati hawn fuq.

## 07. Mistoqsijiet.

7.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Dean Hili ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 08. Korrispondenza.

8.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn il-25 ta' Novembru u t-22 ta' Dicembru 2015 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

| | |
|---|---|
| **46/4643/15/I** 27/11/2015 | Email minghand id-Dipartiment fejn b'referenza ghall-Leadership Academy Programme talab lill-partecipanti jimlew ir-rapport li baghtu sabiex ikun pprezentat fl-ahhar fazi li ser issir bejn 28 ta' Frar u 2 ta' Marzu 2016 gewwa Ghawdex. |
| **46/4644/15/I** 27/11/2015 | Email minghand id-Dipartiment fejn infurmaw lill-Kunsill b'sejha ghal-partecipazzjoni fil-progett "The Strategy for Innovation and Good Governance at Local Level and the European Label of Governance Excellence". |

8.02. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/4643/15/I u 46/4644/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jippartecipa f'din l-istrategija.

8.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

8.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/4675/15/O** 01/12/2015 | Email mibghuta lill-Membri tal-Kunsill ghall-kummenti fejn b'referenza ghall-kors propost mit-TCTC (fejn l-Kunsill kien qabel li ma jsirux minhabba li kien ser ikun hemm hlas), infurmaw lill-Kunsill li ghar-residenti ta' Pembroke l-kors ser ikun bla hlas. |

8.05. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4675/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li ladarba l-kors ser ikun bla hlas, kif diga approvat mill-Kunsilliera permezz ta' email, ippropona li tali approvazzjoni ghandha tigi ratifikata.

8.06. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

8.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/4755/15/I** 10/12/2015 | Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn infurmat lill-Kunsilli li ser ikollna 2 access point ghall-Wifi ohra u talbu sabiex il-Kunsill jibghat fejn nixtiequ li jsiru. |

8.08. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4755/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li z-zewg postijiet il-godda ghandhom ikunu Gnien 4 ta' Lulju u biswit il-BMX.

8.09. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

8.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/4770/15/I** 11/12/2015 | Email minghand MVM Car Club fejn talbu l-ghajnuna tal-Kunsill sabiex jorganizzaw static car show b'risq l-Istrina nhar il-Hadd 27 ta' Dicembru gewwa l-Ex Parade Ground. |

8.11. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4770/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ghandu jilqa' din it-talba biex din l-attivita' issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

8.12. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

8.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/4831/15/O** 17/12/2015 | Email mibghuta lill-Membri tal-Kunsill b'ilment 82/2015 - dwar linji tat-traffiku fi Triq Profs. Walter Ganado (linja li tifred it-triq min-nofs). |

8.14. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4831/15/O** is-Sindku Dean Hili ppropona li ladarba s'issa Triq il-Profs. Walter Ganado fejn qed issir referenza ghaliha tinsab fil-konfini tal-Kunsill Lokali San Giljan, dan l-ilment ghandu jintbaghat ghall-attenzjoni taghhom.

8.15. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

8.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/4833/15/I** 17/12/2015 | Kwotazzjoni minghand il-Mica Med ghall-bozza gdida fejn l-AFM ghall-prezz ta' €559.53. |
| **46/4834/15/I** 17/12/2015 | Kwotazzjoni minghand il-Mica Med ghall-bozza gdida fil-passagg bejn Triq Alamein ghall-STC ghall-prezz ta' €412.19. |
| **46/4835/15/I** 17/12/2015 | Kwotazzjoni minghand il-Mica Med ghall-bozza gdida fil-passagg bejn Triq Alamein ghall-STC ghall-prezz ta' €338.53. |
| **46/4836/15/I** 17/12/2015 | Kwotazzjoni minghand il-Mica Med ghal 3 bozoz godda fi Triq Mons. L. Mifsud Tommasi ghall-prezz ta' €2,260.27. |
| **46/4837/15/I** 17/12/2015 | Kwotazzjoni minghand il-Mica Med ghall-bozza gdida fi Triq il-Battalja ta' Malta ghall-prezz ta' €338.53. |
| **46/4838/15/I** 17/12/2015 | Kwotazzjoni minghand il-Mica Med ghal 3 bozoz godda wara l-iskola ta' St. Michael off Triq Giorgio Mitrovich ghall-prezz ta' €921.73. |
| **46/4839/15/I** 17/12/2015 | Kwotazzjoni minghand il-Mica Med ghal 3 bozoz godda fi Triq Camillo Sceberras ghall-prezz ta' €2,714.96. |
| **46/4856/15/I** 17/12/2015 | Kwotazzjoni minghand il-Mica Med ghall-bozza gdida fil-passagg bejn Triq Alamein ghall-STC ghall-prezz ta' €312.54. |

8.17. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/4833/15/I, 46/4834/15/I, 46/4835/15/I 46/4836/15/I, 46/4837/15/I, 46/4838/15/I, 46/4839/15/I u 46/4856/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li dawn l-istimi kollha ghandhom jigu accettata u jigi ordnat ix-xoghol ghajr dik ta' Triq Mons. Mifsud Tommasi, liema xoghol isir meta jkun il-waqt li tinbidel il-bankina u dan sabiex ma jsirux spejjez zejda.

8.18. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

8.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4873/15/I** **22/12/2015** Email minghand Ms. Lucianne Zammit titlob lill-Kunsill biex tindokra bicca hamrija/planter li hemm fi Triq Pietru D'Armenia biswit il-garaxxijiet li ghandha.

8.20. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4873/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li t-talba tas-sinjura ghandha tigi milqugha bil-kundizzjoni li din tkun minghajr ebda pretenzjonijiet, li fiha ma jithawlux sigar li jistghu ikunu t'inkonvenjent ghal residenti ohra kif ukoll dak li jithawwel ghandu jkun indiginu.

8.21. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

8.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4879/15/I** **22/12/2015** Ittra minghand il-familja Gregory li toqghod 5 Triq Giorgio Mitrovich fejn kisbet il-kunsens tar-residenti tal-vicin biex l-MC Parking li hemm faccata tal-garaxx taghhom jitnehha u jsir double yellow lines.

8.23. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/4879/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li din it-talba ghandha tigi milqugha u ghalhekk ghandu jintalab il-permess ta' TM.

8.24. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

8.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4906/15/I** **46/4907/15/I** **22/12/2015** Talbiet minghand l-iskrivani biex parti mill-vacation leave tas-sena 2015 jigi trasferit ghas-sena 2016.

8.26. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/4906/15/I u 46/4907/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li t-talba ta' l-iskrivani ghandha tigi milqugha.

8.27. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

8.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Kumitati Konġunti ta' l-LES, Kumitat Regjonali u n-NHDJC.

9.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-membri tal-Kunsill ghall-Minuti tal-laqghat ta' dawn il-kumitati.

## 10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

10.01. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li ma kien hemm xejn gdid.

## 11. Approvazzjoni ta' l-Estimi finanzjarji 2016.

11.01. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li wara li ma kienx hemm kummenti relatata fil-laqgha tal-lokalita', dan id-dokument ser jigi approvat fil-laqgha li gejja wara li tkun intemmet is-sena finanzjarja 2015 u ghalhekk il-Kunsill ikollu stampa ahjar tal-fondi disponibbli.

11.02. Is-Sindku Dean Hili rrimarka ukoll li ta min wiehed jinnota li ghat-tieni sena konsekuttiva l-Budget tal-Kunsill allokat mill-Gvern Centrali rega' zdied fejn din is-sena z-zieda kienet ta' €11,685.00.

## 12. Approvazzjoni tal-Pjan ta' hidma 2016 – 2018.

12.01. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li wara li ma kienx hemm kummenti relatata fil-laqgha tal-lokalita', dan id-dokument ser jigi approvat fil-laqgha li gejja wara li tkun intemmet is-sena finanzjarja 2015 u ghalhekk il-Kunsill ikollu stampa ahjar tal-fondi disponibbli.

## 13. Performance Bonus ta' l-impjegati.

13.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta lill-Kunsill ir-rapport tal-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg u l-iskrivana Alison Grixti u Kirsty Rizzo. **(Ara Dok. 6, 7 u 8)** Il-kelliem ippropona li l-Performance Bonus ghandu jinghata l-full skond il-ligi jigifieri 10% lis-Segretarju Ezekuttiv u 6% lill-iskrivani.

13.02. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

13.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14. Approvazzjoni tal-kontijiet.

14.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Ara Dok. 9, 10, 11)**

14.02. Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ipprezentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentata.

14.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

14.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 15. Materji ohra.

15.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona li fi Triq l-Imhallef William Harding faccata ta' Happy Shoppers fejn hemm is-sigar taz-zebbug ghandha titkompla l-bankina.

15.02. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

15.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.04. Il-Kunsillier Charles Cesare ppropona li l-mera li tkisret biswit l-iskola Primarja ghandha tigi rrangata.

15.05. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

15.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.07. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li tinbidel it-tabella li hemm fid-dahla ta' Pembroke li tindika l-Park & Ride.

15.08. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

15.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.10. Il-Kunsillier Charles Cesare ppropona li fit-tarf ta' Triq Giorgio Mitrovich kantuniera ma' Triq ANZAC ghandu jsir hajt baxx biex izomm il-materjal kull meta taghmel ix-xita biex il-gebel ma jigix fit-triq kif ukoll li tigi rrangata t-tarf tat-triq fi Triq ANZAC.

15.11. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

15.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.13. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li jerga' jigi rrangat il-hajt li hemm fi Triq Tunis faccata tal-Pembroke Racket Tennis Court inkluz li jsir xi tip ta' railing baxx.

15.14. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

15.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.16. Is-Sindku Dean Hili ghalaq il-laqgha fis-7:00pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 26 ta' Jannar 2016 fil-5.30pm.

26/01/2016

Avv. Dean Hili
*Sindku*

Kevin Borg
*Segretarju Ezekuttiv*

Dok 1

**Pembroke Local Council at DLG**

**From:** Evelyn Vella Brincat <evelynvellabrincat@gmail.com>
**Sent:** 12 January 2016 15:25
**To:** Pembroke Local Council at DLG; evelyn
**Subject:** Local Council meeting

Dear Kevin,

Please excuse me from the local council meeting of the 22nd December due to medical reasons.

Thank you

Evelyn

Kunsill Lokali
Pembroke
12 JAN 2016
46/0135/16/T

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 2

**Internal Memo Referenza 025/2015** **4 ta' Diċembru 2015**

## Laqgħa ma' Projects Malta dwar il-proposta ta' l-ITS

Il-laqgħa saret nhar il-Ħamis 3 ta' Diċembru fit-3.00pm fis-sala tal-Kunsill. Preżenti għall-Kunsill kien hemm is-Sindku Dean Hili u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg.

Għal Projects Malta kienu preżenti s-sinjuri John Valencia, Iman Schembri, Lyndsay Gambin u Emren John Vella.

Il-Kunsill ġie nfurmat li f'dan l-istadju inħarġet Expression Of Interest minn Projects Malta fejn il-Gvern qed jistenna proposti mingħand is-settur privat biex joħroġ bi proġett ta' valur miżjud għal din iż-żona.

Is-Sindku Dean Hili rrimarka li l-Kunsill qed jitlob lill-Projects Malta tieħu nota li fuq parti mis-sit diġa hemm parkeġġ li jintuża mir-residenti ta' l-akwati u għalhekk jekk dan ser jintmiss għandu jkun hemm alternattiva fuq is-sit stess, li l-proġett propost jinsab f'parti mill-konfini ta' Pembroke u għalhekk il-Kunsill mhux ser jaċċetta li tali proġett iġib l-isem ta' lokal ieħor u li l-bini storiku u l-għar li hemm fuq is-sit għandhom jiġu mħarsa biex ma ssir ebda ħsara fuq wirt storiku u ambjentali.

Il-membri ta' Projects Malta infurmaw lill-Kunsill li kienu ħadu nota tal-kummenti tal-Kunsill u kienu ser jirreferu lura lis-superjuri tagħhom.

Il-laqgħa ntemmet fit-3.30pm.

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

***Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera***

PEMBROKE



Buffer/Constraint zone for cave. Any proposed development within the constraint zone are to be assessed in terms of their potential impact on the stability and geology of the Cave.

Il-Baija



Ghar Harq Hammiem



St George's barracks Grade 2 buildings.

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 3

**Internal Memo Referenza 026/2015** **4 ta' Diċembru 2015**

## Laqgħa mas-Superjur tal-MUSEUM

Il-laqgħa saret nhar il-Ħamis 3 ta' Diċembru fl-4.30pm fis-sala tal-Kunsill. Preżenti għall-Kunsill kien hemm is-Sindku Dean Hili u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg.

Għal MUSEUM kienu preżenti s-Superjur Steve Galea u s-sur Pio Farrugia

Is-Sindku Dean Hili nforma lir-rappreżentanti tal-MUSEUM li l-Kunsill qed jipprova jsib soluzzjoni biex tittaffa l-problema li hemm mill-ġenituri li jwasslu u jiġbru lit-tfal tagħhom għal u mill-MUSEUM. Ġew infurmata li jaf ikun hemm possibilita' li l-parkeġġ tal-Verdala International School ser jibqa' miftuħ għall-pubbliku u għalhekk il-Kunsill qed jitlob l-għajnuna tad-diriġenti tal-MUSEUM biex iħeġġu lill-ġenituri jagħmlu użu minn dan il-parkeġġ minflok li joħolqu konġestjoni tat-traffiku fi Triq Mons. L. Mifsud Tommasi.

Is-sur Galea wera li huwa dispost li jgħin billi jitlob lill-ġenituri jikkoperaw mal-Kunsill, għakemm stqarr li huwa m'għandu ebda kontrol fuqhom.

Il-laqgħa ntemmet fil-4.45pm.

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

***Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera***

PEMBROKE

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 4

**Internal Memo Referenza 27/2015** **22 ta' Dicembru 2015**

# Laqgħat li saru bejn il-Laqgħa 13/K7/15 u 15/K7/15

| Data | Suggett | Post | Min attenda |
|---|---|---|---|
| 24/11/2015 | Laqgha tal-Kunsill 13/K7/2015. | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Evelyn Vella Brincat<br>Mark Causon<br>Charles Cesare<br>Kevin Borg |
| 25/11/2015 | Sentenza Alternative Technologies vs Kunsill Lokali Pembroke | Qorti | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 26/11/2015 | Press Conference organizzata mill-BMX sabiex jillonċjaw il-BMX Fest - XMAS edition | Indoor Skatepark | Dean Hili |
| 30/11/2015 | Invit minghand l-AKL flimkien ma' l-Ambaxxata Amerikana ghal digital video conference | Ambaxxata Amerikana | Kevin Borg |
| 03/12/2015 | Seminar organizzat mill-Building Industry Consultative Council dwar l-introduzzjoni ta' l-iskill card | Birkirkara Civic Centre | Kevin Borg |



PEMBROKE

| | | | |
|---|---|---|---|
| 03/12/2015 | Laqgha ma' Projects Malta fuq is-sit ta' l-ITS | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 03/12/2015 | Laqgha ma' tal-MUSEUM fuq il-problema tat-traffiku | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 04/12/2015 | Laqgha ghas-Segretarji Ezekuttivi organizzata mir-Regjun Tramuntana dwar it-tender tad-dawl | Regjun Tramuntana | Kevin Borg |
| 10/12/2015 | Laqgha ma' Jason Bartolo ghall-work phase mal-Kunsill | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 10/12/2015 | Laqgha ma' Clint Bonnici mill-Modified Vehicles Malta | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 11/12/2015 | Laqgha tal-Lokalita 14/K7/2015 | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Evelyn Vella Brincat<br>Mark Causon<br>Charles Cesare<br>Kevin Borg |
| 13/12/2015 | Invit lis-Sindku minghand il-President ta' Malta fl-okkazzjoni ta' Jum ir-Repubblika | Palazz, Valletta | Dean Hili |
| 14/12/2015 | Laqgha dwar is-servizz tat-trasport pubbliku u r-rotot godda | Ministeru ghat-Traspory | Kevin Borg |
| 14/12/2015 | Laqgha ma' l-Enemalta dwar il-progett alternattiv konness ma' l-Interconnector | Kunsill Lokali Pembroke | Kevin Borg |
| 16/12/2015 – 17/12/2015 | Electronic Public Procurement | CDRT | Kevin Borg<br>Alison Grixti |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 17/12/2015 | It-tieni laqgha rigward is-sigurta go Paceville u l-madwar | Ministeru ghall-Intern | Dean Hili |
| 17/12/2015 | Laqgha ma' Star Wars Malta | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

# ĠABRA TA' ĦWEJJEĠ UŻATI

Dok 5

KUNSILL LOKALI
PEMBROKE

## Meta?

Bejn it-Tnejn 14 ta'Diċembru u l-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015 bejn 08.00am – 12pm u 1pm – 4pm

## Fejn?

Il-Kunsill Lokali ta' Pembroke

## Kif?

Poġġi ĦWEJJEĠ, ŻRABEN, BASKTIJIET u ĊINTORINI, ġo borża jew kaxxa.

## Għaliex?

Bis-sehem tiegħek tkun qed tgħin sabiex tingħata donazzjoni lill-għaqda ambjentali Nature Trust.

MA JIĠUX AĊĊETTATI twapet, kutri, kwilts, imħaded, purtieri tax-Xitwa u ġugarelli tal-plastik.

**GRAZZI TAS-SEHEM TIEGĦEK!**

GreenPak

# COLLECTION OF USED CLOTHES

PEMBROKE
LOCAL COUNCIL

## When?

From Monday 14th December to Thursday 17th December 2015 from 08.00am -12pm & 1pm - 4pm

## Where?

At the Pembroke Local Council

## How?

Put CLOTHES, SHOES, BAGS & BELTS in a bag or a box

## Why?

With your contribution, you will be helping us give a donation to the environmental organisation Nature Trust.

Carpets, quilts, blankets, pillows, Winter curtains and plastic toys ARE NOT ACCEPTED.

**THANKS FOR YOUR CONTRIBUTION!**



GREENPAK

Dok 6

# *PERFORMANCE BONUS APPRAISAL*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Isem | **Kevin Borg** | Kariga | **Segretarju Eżekuttiv** |
| Perjodu tal-Evaluazzjoni | **Jannar sa Diċembru 2015** | | |
| Żmien tal-Kariga | **Sa minn Settembru 1997** | | |
| Kunsill Lokali | **Pembroke** | | |

## *PERFORMANCE* B'MOD ĠENERALI :

[ Din it-Taqsima għandha sservi biex **Segretarju Eżekuttiv** ikun jaf kif kienet il-*performance* tiegħu b'mod ġenerali]

Għażel il-kaxxa li taħseb li l-aktar tirrifletti, b'mod ġenerali, il-*performance* tas-**Segretarju Eżekuttiv** meta mqabbla ma' dak li hu mistenni minnhu. Tista' tiġġudika billi tevalwa: kemm sar tajjeb ix-xogħol fdat lis-**Segretarju Eżekutti**; b'liema mod ġie mwettaq dan ix-xogħol; kemm ix-xogħol kien impenjattiv; u x'riżultati oħra ġew milħuqa minbarra dan ix-xogħol.

L-evalwazzjoni tinkludi tliet skali li juru li x-xogħol hu ta' livell aċċettabbli u skala waħda li turi li x-xogħol magħmul mhux ta' livell aċċettabbli, skond il-kriterji li ġejjin :

| | | |
|---|---|---|
| **Livell li jeċċedi dak mistenni** | Ix-xogħol imwettaq jeċċedi b'mod konsistenti u sinifikanti l-objettivi jew dak li kien mitlub minnu. | ☑ |
| **Livell rakkomandabbli** | Ix-xogħol imwettaq b'mod konsistenti laħaq fil-maġġor parti tiegħu l-objettivi jew dak li kien mitlub minnu. F'ċerti każi, ir-riżultat jista' ikun eċċeda dak li kien mitlub, filwaqt li f'każi oħra jista' ma jkunx intlaħaq kif mitlub; madanakollu, b'mod ġenerali, ix-xogħol imwettaq laħaq l-objettivi jew dak li kien mitlub. | ☐ |

2.

| | | |
|---|---|---|
| **Ħidma Sodisfaċenti** | B'mod ġenerali, ix-xogħol imwettaq ta' sikwiet laħaq uħud mill-objettivi jew dak li kien mitlub. Bi ftit titjib f'ċerti oqsma tal-pjan ta' ħidma, ix-xogħol imwettaq jista' jitqies bħala sodisfaċenti. | ☐ |
| **Livell ta' xogħol imwettaq mhux aċċettabbli** | Ix-xogħol imwettaq b'mod konsistenti ma laħaqx l-objettivi jew dak li kien mitlub. Jekk ma jintweriex titjib fix-xogħol għandha tittieħed azzjoni biex is-sitwazzjoni tiġi rrimedjata. | ☐ |

*PERFORMANCE BONUS* **APPROVAT :** ...10...%

**B'RIŻOLUZZJONI TAL-KUNSILL F'LAQGĦA LI SARET**

**NHAR It-Tlieta 22 ta' Diċembru tas-sena 2015**

**SINDKU** ..............................

**Avv. Dean Hili**

**DATA** 22/12/15

**Miżuri li bihom titkejjel il-*Performance* :**

[ Din it-Taqsima għandha sservi sabiex turi fid-dettal kif **Segretarju Eżekuttiv** irnexxielu jattwa xogħlu billi jiġu stabbiliti t-tajjeb u l-ħażin permezz ta' diversi metodi ta' kejl. Għal kull fattur għandu jintuża l-ispazju mmarkat "*Kummenti*", fejn jingħataw eżempji speċifiċi li huma l-aktar qrib lejn il-*performance* tas- **Segretarju Eżekuttiv**, li jagħtu stampa ċara tal-miżuri dwar l-effettivita' u dawk il-fatturi l-oħra li jinfluwenzaw il-*performance.* ]

| MIŻURI TA' KEJL U SPJEGAZZJONIJIET | KUMMENTI |
|---|---|
| **1. Volum ta' Xogħol:** Volum ta' xogħol li twettaq kif komparat ma' dak mitlub. | **Għoli** |
| **2. Kwalita' ta' Xogħol:** Preċiżjoni u xogħol kif preżentat. | **Għoli** |
| **3. Għarfien tax-Xogħol Assenjat:** Kemm wieħed jaf il-proċeduri, l-apparat u l-metodi, ir-responsabbiltajjiet u d-diversi doveri tal-kariga. | **Għoli** |
| **4. Affidabilita':** Sa fejn wieħed jista' jafdaħ biex iwettaq ix-xogħol assenjat lilu u dan fi żmien stipulat. Għati l-kummenti wkoll dwar attendenza u puntwalita'. | **Għoli** |
| **5. Innovazzjoni:** Kemm is-**Segretarju Eżekuttiv** kontinwament jeżamina metodi u *policies* u jagħmel suġġerimenti għal titjib. | **Għoli** |

6. ***Staff Development*:**

Kemm tintwera' konsiderazzjoni lejn *staff* ta' taħtu; kemm isir pjanar dwar xogħol ta' *staff* ta' taħtu, kif ukoll *monitoring*, evalwazzjoni u żvilupp tagħhom.

**Għoli**

7. **Komunikazzjoni:**

Kapaċita' sabiex jikkomunika informazzjoni kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub.

**Għoli**

8. ***Teamwork*:**

X'relazzjoni teżisti mal-kollegi tax-xogħol u persuni oħra fuq xogħol relatat mal-Kunsill.

**Għoli**

**Evalwazzjoni fil-qosor dwar kemm l-impjegat hu effettiv fuq xogħlu:**

| **Miżura ta' *Performance*** | **Għoli** | **Medju** | **Sodisfaċenti** | **Mhux Aċċettabbli** |
|---|---|---|---|---|
| 1. Volum ta' Xogħol | ✓ | | | |
| 2. Kwalita' tax-Xogħol | ✓ | | | |
| 3. Għarfien tax-Xogħol | ✓ | | | |
| 4. Affidabilita' | ✓ | | | |
| 5. Innovazzjoni | ✓ | | | |
| 6. *Staff Development* | ✓ | | | |
| 7. Komunikazzjoni | ✓ | | | |
| 8. *Teamwork* | ✓ | | | |

5.

**Marka Globali** [Għamel *x* fejn japplika ] :

| | |
|---|---|
| Jeċċedi dak mistenni minnu | ✓ |
| Livell Rakkomandabbli | |
| *Performance* Sodisfaċenti | |
| Livell mhux aċċettabbli | |

**Kummenti ġenerali mis-Sindku:**

Ghal darb'ohra s-servizzi tas-Sur Kevin Borg bhala Segretarju Ezekuttiv fi hdan il-Kunsill Lokali Pembroke kien wiehed aktar milli sodisfacenti. Is-Sur Borg dejjem mexxa fuq il-pjanijiet tal-Kunsill b'mod diligenti, fil-hin u minghajr hela ta' zmien u rizorsi pubblici. L-esperjenza tieghu fix-xoghol tal-politika lokali kienet ta' asset kbira ghal kunsill u s-servizzi tieghu bosta drabi kienu jmorru oltre dak mistenni minnu.

6.

**Pjan għal titjib fix-xogħol :**

[ Din it-Taqsima hi maħsuba sabiex jiġi formulat pjan biex titjieb dak is-settur li hemm bżonn ta' titjib fih. ]

| | |
|---|---|
| **Fattur ta' *Performance*** | **Rakkomandazzjoni kif jista' jiġi mtejjeb il-livell tax-xogħol tas-Segretarju Eżekuttiv.** |

**Kummenti tas-Segretarju Eżekuttiv:**

L-evalwazzjoni t'hawn fuq ġiet moqrija u diskussa mas-**Segretarju Eżekuttiv.**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |
| **Avv. Dean Hili** | **Kevin Borg** |

21 / 12 / 15

**Data**

Dok 7

## *PERFORMANCE BONUS APPRAISAL*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Isem | **Alison Grixti** | Kariga | **Ass. Uffiċjal Prinċipali** |
| Perjodu tal-Evaluazzjoni | | **Jannar sa Diċembru 2015** | |
| Żmien tal-Kariga | | **Sa minn Marzu 2011** | |
| Kunsill Lokali | | **Pembroke** | |

**_PERFORMANCE_ B'MOD ĠENERALI :**

[ Din it-Taqsima għandha sservi biex **l-Impjegata** tkun jaf kif kienet il-*performance* tagħha b'mod ġenerali]

Għażel il-kaxxa li taħseb li l-aktar tirrifletti, b'mod ġenerali, il-*performance* ta' **l-Impjegata** meta mqabbla ma' dak li hu mistenni minnha. Tista' tiġġudika billi tevalwa: kemm sar tajjeb ix-xogħol fdat lil **Impjegata**; b'liema mod ġie mwettaq dan ix-xogħol; kemm ix-xogħol kien impenjattiv; u x'riżultati oħra ġew milħuqa minbarra dan ix-xogħol.

L-evalwazzjoni tinkludi tliet skali li juru li x-xogħol hu ta' livell aċċettabbli u skala waħda li turi li x-xogħol magħmul mhux ta' livell aċċettabbli, skond il-kriterji li ġejjin :

| | | |
|---|---|---|
| **Livell li jeċċedi dak mistenni** | Ix-xogħol imwettaq jeċċedi b'mod konsistenti u sinifikanti l-objettivi jew dak li kien mitlub minnu. | ☑ |
| **Livell rakkomandabbli** | Ix-xogħol imwettaq b'mod konsistenti laħaq fil-maġġor parti tiegħu l-objettivi jew dak li kien mitlub minnu. F'ċerti każi, ir-riżultat jista' ikun eċċeda dak li kien mitlub, filwaqt li f'każi oħra jista' ma jkunx intlaħaq kif mitlub; madanakollu, b'mod ġenerali, ix-xogħol imwettaq laħaq l-objettivi jew dak li kien mitlub. | ☐ |

2.

| | | |
|---|---|---|
| **Ħidma Sodisfaċenti** | B'mod ġenerali, ix-xogħol imwettaq ta' sikwiet laħaq uħud mill-objettivi jew dak li kien mitlub. Bi ftit titjib f'ċerti oqsma tal-pjan ta' ħidma, ix-xogħol imwettaq jista' jitqies bħala sodisfaċenti. | ☐ |
| **Livell ta' xogħol imwettaq mhux aċċettabbli** | Ix-xogħol imwettaq b'mod konsistenti ma laħaqx l-objettivi jew dak li kien mitlub. Jekk ma jintweriex titjib fix-xogħol għandha tittieħed azzjoni biex is-sitwazjoni tiġi rrimedjata. | ☐ |

***PERFORMANCE BONUS*** **APPROVAT :** 6 %

**B'RIŻOLUZZJONI TAL-KUNSILL F'LAQGĦA LI SARET**

**NHAR It-Tlieta 22 ta' Diċembru tas-sena 2015**

**SINDKU** ............................ **DATA** 21/12/15

**Avv. Dean Hili**

3.

**Miżuri li bihom titkejjel il-*Performance* :**

